# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Novembru, 2000 .

### Citazzjoni numru : 46/90G1(PC)

**Emanuel Cassar,**
**George Cassar,**
**Alfred Cassar, u**
**Francesco Cassar .**

**vs**

**Julian Mercieca,**
**Carmelo sive Charlie Mercieca,**
**Eucharistic Mercieca ghan-nom u bhala legittimu rapprezentant ta' uliedhu minuri Christopher u Marvic ahwa Mercieca .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :**

**Illi Maria, olim mart Emanuel Cassar mietet fil-hdax (11) ta' Frar 1989 ir-Rabat, Ghawdex, intestata u ghalhekk skond il-ligi l-eredi taghha huma uliedha, George, Alfred, u Francesco ahwa Cassar, kif ukoll it-tfal tal-mejta bintha Rita, olim mart Eucharistic Mercieca cioe' Julian, Carmelo sive Charlie, Christopher u Marvic, l-ahhar tnejn minuri, ahwa Mercieca u dana peress illi l-istess Rita Mercieca mietet fl-24 ta' Marzu, 1987 ;**

**Illi l-atturi ma jridux jibqghu iktar fi stat ta' komunjoni ma' l-istess konvenuti ghar-rigward l-eredita' tal-mejta, Maria Cassar ;**

**Illi l-konvenuti proprio et nomine nonostanti li gew interpellati diversi drabi sabiex bonarjament jersqu ghall-liwidazzjoni u divizjoni tal-assi ereditarji tal-mejta, Maria Cassar, dawna baqghu inadempjenti .**
**Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tordna li l-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn il-mejta Maria Cassar u l-attur Emmanuel Cassar tigi diviza f'zewg porzjonijiet ugwali, li jigu assenjati wahda lill-konvenut, Emanuel Cassar u l-porzjoni l-ohra tigi assenjata lill-assi ereditarji tal-imsemmija Maria Cassar ;**

2. **Tordna wkoll il-likwidazzjoni tal-assi parafernali tal-fuq imsemmija Maria Cassar billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;**

3. **Tordna wkoll illi l-assi kollha hawn fuq imsemmija jigu divizi f'erba' (4) porzjonijiet ugwali u jigu assenjati wahda lil George Cassar, ohra lil Alfred Cassar, it-tielet wahda lil Frankie Cassar u ir-raba porzjon tigi assenjata lill-eredi tal-mejta Rita Mercieca u f'kaz illi l-istess assi ma humiex komodament divizibbli fil-porzjonijiet li jipposseduhom tordna l-bejgh fil-licitazzjoni tal-beni in divizjoni, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei, biex ir-rikavat, dedotti l-ispejjez, jigi diviz bejn il-kontendenti fil-porzjonijiet li huma jippossjedu u li jigi nominat perit biex jaghmel id-deskrizzjoni u stima tal-beni in divizjoni ;**

4. **Tordna wkoll li jigi nominat Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' divizjoni fil-gurnata, lok u hin li joghgobha tordna dina l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta' kuraturi deputati skond il-ligi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci skond il-ligi fuq il-kuntratt ta' divizjoni .**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Frar 1990 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn sissa huma mharrka .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Emanuel Cassar .**

**Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew :**

1. **Illi huma la jopponu u l-inqas qatt ma opponew ghad-divizjoni mitluba mill-atturi izda jinhtieg li fl-ewwel lok jigi determinat x'inhuma l-konsistenzi tal-assi ereditarji billi hemm nuqqas ta' qbil dwar dan .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti mahlufa minn Eucharist Mercieca .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt ta' Maria Cassar, gia mart l-attur Emanuel Cassar, omm l-atturi l-ohra u nanna ta' l-ahwa Mercieca, ulied bintha mejta Rita Mercieca.**

**Illi mill-ftit provi prodotti mill-partijiet jirrizulta illi d-decujus Maria Cassar ma kellha ebda assi parfernali, u sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejnha u zewgha l-attur Emanuel Cassar kien jikkonsisti biss min-nofs indiviz ta' diversi depoziti bankarji li kienu gew elenkati fid-denunzja 'causa mortis' taghha (Dok. E anness mac-Citazzzjoni) . Rigward xi beni mobbli ohra li d-decujus seta' kellha xi sehem minnu, bhal ghamara fid-dar residenzjali, deheb jew hagar prezzjuz, u vetturi, ftit li xejn ingiebu provi, u jidher illi l-kontendenti mhux jinsistu illi ssir divizjoni ta' dawn il-beni wkoll .**

**Il-kontijiet bankarji relattivi, spjegati f'aktar dettal u bl-ammont depozitat fihom aggornat fin-nota ta' l-atturi ta' l-4 ta' Settembru 2000, u kif jirrizulta wkoll mill-kotba bankarji relattivi li gew esebiti flimkien ma' l-istess nota, jikkonsistu fis-segwenti :**

**1. Depozitu fiss fil-Bank of Valletta p.l.c. numru 12406896013 intestat f'isem Emannel Cassar fl-ammont ta' LM1052.98 (Dok. A ma' din in-Nota) ;**

**2. Depozitu fiss fil-Bank of Valletta p.l.c. numru 12408222012 intestat f'isem Maria Cassar fl-ammont ta' Lm737.88 (Dok. B) ;**

**3. Depozitu fiss fil-Bank of Valletta p.l.c. numru 12406804018 intestat f'isem Maria Cassar bl-ammont ta' LM2421.87 (Dok. C) ; u**

**4. Depozitu fin-'National Savings' kont numru 110 901 493 f'isem Maria Cassar fl-ammont ta' GBP 893.53 (ekwivalenti ghal circa LM595), (Dokti. D u E) .**

**Illi ghalhekk bhala beni formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Cassar, l-ammonti depozitati f'dawn il-kontijiet bankarji jappartjenu kwantu ghal nofs lill-attur Emanuel Cassar, u n-nofs l-iehor lill-eredi tal-mejta Maria Cassar . Dawn id-depoziti ghandhom ghalhekk jigi zbankati u r-rikavat, inkluzi l-imghaxijiet relattivi, jinqasam kwantu ghal nofs (1/2) lill-istess attur Emanuel Cassar, u n-nofs l-iehor kwantu ghal ottava parti (1/8) kull**

**wiehed mil-istess rikavat lill-atturi l-ohra ahwa Cassar, u r-rimanti ottava parti (1/8) bejn l-ahwa Mercieca, ulied Rita Mercieca, it-tifla premorjenti ta' Maria Cassar .**

**Ghaldaqstant tiddecidi dwar it-talbiet attrici billi :**

1. **tilqa' l-ewwel talba u tordna illi l-komunjoni ta' akkwisti gia ezistenti bejn il-mejta Maria Cassar u l-attur Emanuel Cassar, konsistenti unikament mill-investimenti bankarji hawn fuq elenkati u deskritti, tigi diviza f'zewg porzjonijiet ugwali, li jigu assenjati wahda lill-attur Emanuel Cassar u l-ohra lill-assi ereditarji tal-mejta Maria Cassar ;**

2. **tichad it-tieni talba billi ma rrizultax li Maria Cassar kellha ebda assi parafernali ;**

3. **tordna illi l-assi ta' Maria Cassar, u cioe' n-nofs mir-rikavat minn kull wiehed mill-investimenti bankarji fuq deskirtti, inkluzi l-imghaxijiet, wara li dawn jigu zbankati kif inghad, jigi diviz f'erba' porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lill-attur George Cassar, ohra lill-attur Alfred Cassar ohra lill-attur Frank Cassar u r-raba porzjon tigi assenjata lill-eredi tal-mejta Rita Mercieca ;**

4. **billli ma rrizultaw ebda beni immobbli in divizjoni ma hemm ebda lok ghan-nomina ta' Nutar biex jippublika xi att tal-qasma .**

**L-ispejjez tal-kawza, billi din hija kawza ta' divizjoni, ghandhom jigu issopportati proporzjonalment mill-kontendenti kollha, kulhadd skond is-sehem tieghu .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S4690Pc
1120